**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**L-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni**
**(Spettur Karl Roberts)**
**Vs**
**Aliou Diarra**

**Illum 4 ta' Jannar 2021**

**Il-Qorti**,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta 'Aliou Diarra, iben Malick u Nina, imwieled fl-14 ta' Novembru 1989, gewwa Mahna, ta' nazzjonalità Mali, u detentur tan-Numru tal-Pulizija 19PP-047, talli fit-3 ta' Jannar 2021 u/jew fil-jiem, gimghat jew xhur ta 'qabel din id-data gewwa dawn il-Gzejjer:

1. Iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'passaporti, jew uza jew kellu fil-pussess tieghu xi passaport, li hu kien jaf li gew iffalsifikati, imbiddla jew li sar xi tibdil fihom u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 5 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta 'Malta;
2. Kif ukoll talli xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra ffalsifikati u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 189 tal-Kap. 9tal-Ligijiet ta 'Malta;
3. Kif ukoll minghajr awtorità legittima uza jew kellu, fil-pussess tieghu xi dokumenti, mehtiega ghall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 32(1)(f) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta 'Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta 'htija, il-Qorti tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta 'spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta 'esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta 'Malta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-Prosekuzzjoni senjatament: (i) Dikjarazzjoni ta' rifjut ta' l-imputat tal-jedd tal-parir legali - Dok. "A"; (ii) Stqarrija rilaxxata mill-imputat - Dok. "B"; (iii) Il-*personal details form* ta' l-imputat - Dok. "C"; (iv) *Email* mibghuta mill-Ufficju tal-Pulizija gewwa l-Ajruport ta' Malta lill-Ispettur Karl Roberts - Dok. "D"; (v) Fotokopja tad-dokumenti ffalsifikati li nsabu fil-pussess ta' l-imputat - Dok. "E" u (vi) Il-fedina penali ta' l-imputat - Dok. "F".

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta 'l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta 'Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta 'dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga 'jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga 'lura minnha;

Semghat is-sottomissjonijiet dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat talli fit-3 ta' Jannar 2021 u/jew fil-jiem, gimghat jew xhur ta ' qabel din id-data gewwa dawn il-Gzejjer: (i) iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'passaporti, jew uza jew kellu fil-pussess tieghu xi passaport, li hu kien jaf li gew iffalsifikati, imbiddla jew li sar xi tibdil fihom u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 5 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta ' Malta; (ii) kif ukoll talli xjentament ghamel uzu minn xi dokumenti ohra ffalsifikati u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 189 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta Malta; u (iii) kif ukoll minghajr awtorità legittima uza jew kellu, fil-pussess tieghu xi dokumenti, mehtiega ghall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 32(1)(f) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta 'Malta.

L-imputat iddikjara li huwa hati ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti ssibu hati ta' l-akkuzi hekk dedotti kontrih.

Ghall-finijiet ta 'piena l-Qorti, filwaqt li hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li bihom qed jigi akkuzat l-imputat, hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri u li l-koperazzjoni tieghu mal-Pulizija wasslet ghal arresti ulterjuri.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 5 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta 'Malta, l-Artikolu 189 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 32(1)(f) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta 'Malta, ittenni li qed issib lill-imputat hati ta' akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, siccome l-kooperazzjoni ta' l-imputat mal-Pulizija wasslet ghal arresti ulterjuri, tikkundanna lill-imputat ghal erba' (4) xhur prigunerija effettivi.

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta 'htija tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti skond l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta, stante li f'dawn il-proceduri ma kienx hemm il-hatra ta 'esperti jew periti.

Ai termini ta' l-Artikolu 534AD tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti infurmat lill-imputat bid-dritt tieghu li jinghata kopja tas-sentenza f'lingwa li jifhem. L-imputat jiddikjara li jixtieq kopja tas-sentenza bil-lingwa Franciza u l-Qorti qed tinnomina lil Dounia Borg sabiex taghmel traduzzjoni tas-sentenza mill-Malti ghall-lingwa Franciza.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**